A.L. 27 ta' l-1998

ATT DWAR L-AGRIKOLTURA (PROTEZZJONI TA' PJANTI) (KAP. 195)

Regolamenti ta' l-1998 dwar Drittijiet li jitħallsu fil-Protezzjoni ta' Pjanti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Agrikoltura (Protezzjoni ta' Pjanti), il-Ministru tal-Biedja u Sajd, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 dwar Drittijiet li jitħallsu fil-Protezzjoni ta' Pjanti.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1998.

Drittijiet għal spezzjonijiet u ċertifikati.

2. Għandhom jitħallsu lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura għal spezzjonijiet magħmula, u ċertifikati maħruġa, dwar il-pjanti d-drittijiet speċifikati għal kull wieħed mis-servizzi rispettivi kif ġej:—

Servizz	*Dritt* Lm
(a) Għall-ispezzjon u rilaxx ta' qmuħ u għalf –	
(i) għal għanijiet kummerċjali	20
(ii) għal għanijiet mhux kummerċjali .	1
(b) Għall-ispezzjon u rilaxx ta' frott u ħxejjex, pjanti ornamentali u l-materjal tagħhom –	
(i) għal għanijiet kummerċjali	10
(ii) għal għanijiet mhux kummerċjali .	1
(ċ) Għall-ħruġ ta' Ċertifikat dwar is-Saħħa (*Phytosanitary*)	1.